MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 92/2002/1

**George CAUCHI**

**vs**

**Arnold FARRUĠIA, u b'Degriet tat-12 ta' Marzu, 2002, ġiet imsejħa fil-kawża Rose Farruġia, mart Arnold**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Jannar, 2002, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas ta' flejjes li l-attur jgħid li silef lill-imħarrek minn fuq l-idejn;

Reġgħet rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-21 ta' Frar, 2002, u dik imressqa minn martu msejħa fil-kawża fil-25 ta' Marzu, 2002;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-25 ta' Settembru, 2003[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet kemm tal-imħarrek u kif ukoll tal-imsejħa fil-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm u fit-tul tal-avukati tal-partijiet dwar it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek (u tar-raba' eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża, li hija l-istess) li tgħid li kull self li seta' sar ma jiswiex għaliex, bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja, messu sar liż-żewġ miżżewġin flimkien;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2003, tal-11 ta' Marzu, 2004, tat-3 ta'Ġunju, 2004, tas-7 ta' Ottubru, 2004, u tal-20 ta' Jannar, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar self minn fuq l-idejn li l-attur jgħid li għamel f'għadd ta' okkażjonijiet lill-imħarrek fuq medda ta' żmien. L-attur jgħid li l-imħarrek radd lura biss biċċa żgħira mill-ammont akbar lilu misluf. Issa jrid li jitqies kemm kien dan l-ammont misluf u li jitħallas lura kollu;

Illi l-eċċezzjoni li għandha quddiemha l-Qorti llum tgħid li s-self lil persuna miżżewġa huwa għamil ta' amministrazzjoni straordinarja dwar ħwejjeġ il-komunjoni tal-akkwisti li tkun teżisti bejn il-miżżewġin, u għalhekk self bħal dak ma jgħoddx jekk ma jsirx liż-żewġ miżżewġin flimkien;

Illi, filwaqt li l-Qorti taqbel mal-imħarrek (u ma' martu msejħa fil-kawża, li qanqlet eċċezzjoni f'dan is-sens ukoll) fis-sens li s-self huwa għamil ta' amministrazzjoni straordinarja dwar il-komunjoni tal-akkwisti, ma taqbilx

[1] Paġġ. 30 sa 43 tal-proċess

miegħu li self bħal dan ma jkunx jiswa jekk kemm-il darba ma jsirx bil-qbil taż-żewġ persuni miżżewġin;

Illi fejn, bejn persuni miżżewġin, tapplika l-komunjoni tal-akkwisti dwar it-tmexxija tal-ġid materjali tagħhom, il-liġi trid li t-tnejn li huma jkollhom setgħat ta' tmexxija ndaqs u li t-tnejn li huma jridu joqogħdu għal dak li hemm provdut fil-liġi[2]. Għalhekk, il-liġi tgħid li t-tmexxija ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar tmexxija bħal dik tmiss lil kull wieħed mill-miżżewġin[3]. Iżda, dwar għemejjel meqjusa bħala dawk ta' tmexxija straordinarja u l-jedd li wieħed iħarrek jew li jiġi mħarrek dwar tali għemejjel tmiss liż-żewġ miżżewġin flimkien[4]. Madankollu, fejn għemejjel normali ta' tmexxija ta' kummerċ, negozju jew professjoni li tkun immexxijja biss minn wieħed mill-miżżewġin, ikunu wkoll għemejjel ta' tmexxija straordinarja, dawn xorta waħda jistgħu jitwettqu minn dak il-miżżewweġ waħdu[5];

Illi l-għemejjel ta' għamla straordinarja huma meqjusa bħala dawk biss li l-liġi tgħid[6] li għandhom jitqiesu bħala għemejjel ta' għamla straordinarja, u fejn għamil ma jaqax f'dik il-kategorija għandu jintgħadd bħala għamil ta' tmexxija ordinarja. L-għamil li bih wieħed jislef jew li jissellef flus huwa magħdud bħala għamil ta' amministrazzjoni straordinarja[7], safejn tali għamil ma jkunx il-ftuħ jew iż-żamma ta' depożitu ta' flus f'kont bankarju;

Illi fejn għamil ta' tmexxija straordinarja jsir minn waħda biss mill-miżżewġin u mingħajr l-għarfien – imqar taċitu – tal-parti miżżewġa l-oħra, dak l-għamil xorta waħda jkun jgħodd. Imma jekk l-għamil bħal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'ħolqien ta' jedd rejali jew personali fuq ġid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'ħolqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet rejali jew personali fuq ħwejjeġ mobbli, għamil bħal dak ikun jista' jitħassar fuq talba tal-miżżewweġ li mingħajr il-kunsens tiegħu ikun sar dak l-

---

[2] Art. 1319 tal-Kap 16
[3] Art. 1322(1) tal-Kap 16
[4] Art. 1322(2) tal-Kap 16
[5] Art. 1324 tal-kap 16
[6] Art. 1322(3) tal-Kap 16
[7] Art. 1322(3)(f) tal-Kap 16

att[8]. Kull għamil ieħor li jmissu jsir miż-żewġ miżżewġin flimkien imma li jsir minn miżżewweġ wieħed ma jistax jitħassar, iżda jingħata lill-parti li tħalliet barra milli tagħti l-kunsens tagħha l-jedd li ġġiegħel lill-parti li mexxiet waħedha li tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab mill-parti miżżewġa li ma tkunx tat il-kunsens tagħha[9]. Ukoll fejn huwa mogħti li parti miżżewġa tista' titlob it-tħassir ta' għamil straordinarju, dan irid isir fi żmien limitat[10], li jista' jitqassar għal tliet xhur jekk il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha jntbagħtilha att ġudizzjarju biex jgħarrafha bit-twettiq ta' l-għamil[11];

Illi dawn id-dispożizzjonijiet juru li l-imħarrek ma għandux raġun jgħid li xi self li huwa ngħata mingħand l-attur mingħajr ma ħadet sehem fih l-imsejħa fil-kawża għandu jitqies null u bla effett. Fejn hemm nullita' ta' dawn l-għemejjel, din m'hijiex nullita' assoluta, imma biss waħda relattiva: l-għamil jibqa' jiswa sakemm ma jiġix imħassar. Minbarra dan, fejn hemm nullita' bħal din, tali nuqqas ta' siwi ma jista' qatt jintalab (jew jiġi eċċepit) mill-parti l-miżżewġa li tkun ikkuntrattat[12], imma trid tirriżulta minn azzjoni meħuda apposta mill-parti l-miżżewġa li l-fehma tagħha ma tkunx ingħatat, jekk u meta tmexxi b'kawża f'dan is-sens u fiż-żmien stipulat. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma jirriżultax li l-imsejħa fil-kawża qatt fetħet xi kawża biex twaqqa' s-self li żewġha l-imħarrek seta' rċieva, jew biex jirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti bid-dejn li seta' għabbiha bih bis-saħħa tas-self li seta' ngħata mingħand l-attur;

Illi l-kwestjoni dibattuta hija dwar jekk għamil straordinarju li jsir minn jew bl-għarfien ta' waħda biss mill-partijiet miżżewġin u li dwaru ma ssirx kawża għat-tħassir jgħabbix xorta waħda lill-komunjoni tal-akkwisti daqslikieku kien għamil li sar mit-tnejn[13], jew jekk jgħabbix biss lill-ġid parafernali tal-parti miżżewġa li waħedha tkun

---

[8] Art. 1326(1) tal-Kap 16
[9] Art. 1326(5) tal-Kap 16.
[10] Art. 1326(2) tal-Kap 16
[11] Art. 1326(3) TAL-Kap 16
[12] P.A. GCD **7.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Strand Marine Ltd. vs Simon Borġ Bartolo***
[13] Ara, per eżempju, App. Ċiv **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs Publius Micallef et***

għamlitu[14]. Fiż-żewġ ipoteżi, madankollu, l-implikazzjoni m'hijiex li l-għamil ma jkunx jgħodd, imma, għall-kuntrarju, li dak l-għamil kien jgħodd – żgur fir-rigward tat-terza persuna li tkun ikkuntrattat ma' dik il-parti miżżewġa u ta' dik l-istess parti miżżewġa li tkun daħlet għalih. Għalhekk, għall-finijiet tal-istħarriġ li qegħda tagħmel din il-Qorti dwar l-eċċezzjoni(ijiet) li għandha quddiemha, l-eżitu tal-kwestjoni hawn imsemmija ma jista' bl-ebda mod jaffettwa l-konklużjoni li qegħda tintlaħaq b'din is-sentenza;

Illi l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-għaref avukat tal-imħarrek li l-għamil straordinarju mwettaq minn wieħed biss mill-partijiet miżżewġin bla għarfien jew minn wara dahar il-parti miżżewġa l-oħra huwa għamil null *ab initio* u dan għaliex il-liġi ma tgħidx hekk. Fejn il-liġi trid li għamil ma jkunx jiswa għaliex nieqes minn xi kwalita' essenzjali u meħtieġa, l-liġi tgħidu espressament u lil ħadd m'huwa mħolli li jimplikah b'tiġbid, tixbih, jew b'analoġija. F'dan ir-rigward ukoll għandu raġun l-għaref avukat tal-attur li jgħid li l-għamil ta' self huwa wieħed minn dawk li, lanqas jekk il-parti miżżewġa trid tattakkah u tagħmel dan bil-mod u fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, ma jwassal għat-tħassir tal-għamil, imma biss għar-rimedju sussidjarju tar-reintegrazzjoni jew tal-ħlas tad-danni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u wisq anqas fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-istess imħarrek; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

---

[14] Ara, per eżempju, P.A. GCD **15.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cassar vs Francis Manġion et***; App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Frendo et vs Anġlu Żahra pro et noe***; u P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela DeMarco vs David DeMarco et*** (appell pendenti)

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------